

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2010 — Foshan City Nanhai Golden Step Industrial vs Il-Kunsill**

(Kawża T-410/06) <sup>(1)</sup>

*(“Dumping — Importazzjonijiet ta' żraben bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw miċ-Ċina u mill-Vjetnam — Kalkolu tal-valur normali maħdum — Prezz tal-esportazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dannu — Obbligu ta' motivazzjoni”)*

(2010/C 113/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Foshan City Nanhai Golden Step Industrial Co., Ltd (Lishui, iċ-Ċina) (rappreżentanti: I. MacVay, solicitor, R. Thompson, QC, u K. Beal, barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch, avukat)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet u T. Scharf, aġenti); u l-Confédération européenne de l'industrie de la chaussure (CEC) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment minn P. Vlaemminck, G. Zonnekeyn u S. Verhulst, sussegwentement minn P. Vlaemminck u A. Hubert, avukati)

**Suġġett**

L-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006, tal-5 ta' Ottubru 2006, [li] jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti tipi ta' lbies għar-riġlejn [żraben] bil-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Vjetnam (ĠU L 352M, p. 485), sa fejn dan jirrigwardha.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Foshan City Nanhai Golden Step Industrial Co., Ltd għandha tbatli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea u l-Confédération européenne de l'industrie de la chaussure (CEC) għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 42, 24.2.2007.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Marzu 2010 — Grupo Promer Mon Graphic vs UASI — PepsiCo (Rappreżentazzjoni ta' oġġetti promozzjonali ċirkulari)**

(Kawża T-9/07) <sup>(1)</sup>

*(“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrapreżenta oġġetti promozzjonali ċirkulari — Disinn Komunitarju preċedenti — Raġuni ta' invalidità — Kunflitt — Nuqqas ta' impressjoni globali differenti — Kunċett ta' kunflitt — Prodott inkwistjoni — Grad tal-libertà tad-disinjatur — Utent informat — Artikolu 10 u Artikolu 25(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”)*

(2010/C 113/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Grupo Promer Mon Graphic, SA (Sabadell, Spanja) (rappreżentant: R. Almaraz Palmero, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: PepsiCo, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: E. Armijo Chávarri u A. Castán Pérez-Gómez, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta' Ottubru 2006 (Każ R 1001/2005 3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Grupo Promer Mon Graphic, SA u PepsiCo, Inc.

**Dispożittiv**

- (1) *Id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-27 ta' Ottubru 2006 (Każ R 1001/2005-3) hi annullata.*
- (2) *L-UASI u PepsiCo, Inc. għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk ta' Grupo Promer Mon Graphic, SA fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.*
- (3) *L-UASI u PepsiCo, Inc. għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk ta' Grupo Promer Mon Graphic, SA fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 56, 10.3.2007.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Marzu 2010 —  
Mäurer + Wirtz vs UASI — Exportaciones Aceiteras  
Fedeoliva (tosca de FEDEOLIVA)**

(Kawża T-63/07) (<sup>1</sup>)

*(Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva tosca de FEDEOLIVA — Trade marks Komunitarji u nazżjonali verbali preċedenti TOSCA — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' argument — Artikolu 74(1) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)*

(2010/C 113/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Mäurer + Wirtz GmbH & Co. KG (Stolberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Eickemeier, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Exportaciones Aceiteras Fedeoliva, AIE (Jaén, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tat-18 ta' Diċembru 2006 (Każ R 761/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Mühlens GmbH & Co. KG u Exportaciones Aceiteras Fedeoliva, AIE.

**Dispożittiv**

- (1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-18 ta' Diċembru 2006 (Każ R 761/2006-2) hija annullata inkwantu hija tiċħad l-oppożizzjoni mressqa abbażi tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja).*

- (2) *Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.*

- (3) *Mäurer + Wirtz GmbH & Co. KG u l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 95, 28.4.2007.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Marzu 2010 — KEK  
Diavlos vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-190/07) (<sup>1</sup>)

*(“Għajjuna finanzjarja mogħtija fil-kuntest tal-programm ta' informazzjoni taċ-ċittadin Ewropew (Prince) — Proġett li jikkonċerna t-tħejjija għall-introduzzjoni tal-Euro fl-iskejjel — Deċiżjoni li tordna r-rimbors tal-ħlas mogħti bil-quddiem — Obbligju ta' motivazzjoni — Żball ta' evalwazzjoni”)*

(2010/C 113/63)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: KEK Diavlos (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: D. Chatzimichalis, avukat)